# "Inbierku l-Mulej Alla, ħaj u veru"
## Adorazzjoni Ewkaristika
## fit-Tifkira ta' San Franġisk ta' Assisi
## Ottubru 2024

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Nadurawk, o Ġesù, hawn preżenti fis-Sagrament Imqaddes
u fit-tabernakli tad-dinja kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Nadurawk, o Ġesù, hawn preżenti fis-Sagrament Imqaddes
u fit-tabernakli tad-dinja kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Nadurawk, o Ġesù, hawn preżenti fis-Sagrament Imqaddes
u fit-tabernakli tad-dinja kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Nadurawk, o Ġesù, hawn preżenti fis-Sagrament Imqaddes
u fit-tabernakli tad-dinja kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Nadurawk, o Ġesù, hawn preżenti fis-Sagrament Imqaddes
u fit-tabernakli tad-dinja kollha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

"Inbierku l-Mulej Alla, ħaj u veru, u nagħtuh dejjem it-tifħir, is-sebħ, l-ġieħ, il-barka, u kull ġid. Amen. Amen. Hekk ikun. Hekk ikun." Kien b'dan il-kliem li San Franġisk ta' Assisi kien jagħlaq meta jitlob *L-Uffiċċju tal-Passjoni* li hu kiteb għalih u għal ħutu li ssieħbu miegħu. Kienet din it-talba kontinwa li kien itenni kull sekonda bil-ħajja tiegħu. Kull nifs tiegħu kien att ta' tifħir u barka. U llum, hekk kif qed infakkru t-twelid tiegħu fis-sema, aħna wkoll se nissieħbu fit-tifħir tiegħu lejn il-Mulej billi ninqdew b'talbiet li hu ħallielna sabiex bihom illissnu l-istess sentimenti tiegħu li mhux dejjem insibu l-kliem biex infissruhom.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Ngħollu leħen it-tifħir tagħna billi, wara kull strofa tat-talba *Tifħir lil Alla l-Għoli* ta' San Franġisk, ngħidu flimkien: ***Infaħħruk, Feddej tal-ħniena.***

Int qaddis, Mulej Alla wieħed,
li tagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb.
Int qawwi, Int kbir, Int l-Aktar Għoli.
Inti s-Sultan li tista' kollox,
Int Missier Qaddis,
Sultan tas-sema u l-art.

***Infaħħruk, Feddej tal-ħniena.***

Int, wieħed-u-tlieta,
Mulej Alla fuq l-allat,
Inti t-tjieba, kull tjieba, fuq kull tjieba,
Mulej Alla ħaj u veru.

***Infaħħruk, Feddej tal-ħniena.***

Inti mħabba, int għerf, int umiltà,
int sabar, int sbuħija, int ġwejjed.
Int kenn, int sliem,
int hena u ferħ,
int tama tagħna, int ġustizzja.

***Infaħħruk, Feddej tal-ħniena.***

Inti l-qjies,
int l-għana kollu tagħna.
Int ġmiel, int ġwejjed.
Int li tħarisna.
Int li tgħasses fuqna u tidħol għalina.
Int qawwa. Int serħan.

***Infaħħruk, Feddej tal-ħniena.***

Inti t-tama tagħna, inti l-fidi tagħna,
int l-imħabba tagħna,
inti l-ħlewwa kollha tagħna,
inti l-ħajja bla tmiem tagħna,
kbir u tal-għaġeb,
Mulej Alla li tista' kollox,
Feddej tal-ħniena.

***Infaħħruk, Feddej tal-ħniena.***

## Innu Ewkaristiku

Ħa trodd kull ħlejqa li tgħix fis-smewwiet, fuq l-art, fil-baħar, u fl-abbissi, tifħir, glorja, ġieħ, u barka lil Dak li bata daqstant għalina, li tana u li ser jibqa' jagħtina ġid daqshekk kotran għal li ġej, għaliex hu l-qawwa tagħna u s-

> saħħa tagħna. Hu li waħdu hu tajjeb, waħdu l-ogħla, waħdu li jista' kollox, tal-għaġeb u glorjuż u hu waħdu qaddis, jistħoqqlu t-tifħir u mbierek għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Hekk ħalla miktub il-qaddis serafiku fit-tieni ittra tiegħu indirizzata din id-darba mhux biss lil ħutu imma lill-Insara kollha. U aħna nixtiequ nilqgħuha din l-istedina tiegħu, Mulej, hekk kif ninsabu quddiemek, int li tant batejt għalina u ħallejtilna tifkira ħajja ta' din l-imħabba sal-mewt permezz tas-Sagrament tal-Ewkaristija. Nixtiequ ntennulek it-tifħir, il-ġieħ, u l-barka mhux biss bħala persuni individwali, u lanqas bħala ġemgħa ċkejkna li għal darb'oħra reġgħet inġabret madwarek fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Dal-ħin nixtiequ li fommna jkun tassew il-fomm tal-Insara kollha; nixtiequ li lsienna jkun ilsien il-Knisja Ommna; u saħansitra kliemna jagħti leħen lill-ħolqien kollu li flimkien magħna "għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas" fl-istennija tal-adozzjoni ta' wlied u l-fidwa ta' ġisimna (ara Rum 8, 22-23). Wara kollox, qabel tlugħek fis-sema, mhux hekk ordnajtilhom lill-Ħdax: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu" (Mk 16, 15)?
Għaldaqstant, filwaqt li ninqdew bil-kliem tal-Kantiku tal-Ħlejjaq, se nissieħbu f'din il-litanija ta' ġieħ u foħrija billi wara kull strofa ninqdew bil-kliem ta' Salm 145 (v. 10) u nwieġbu flimkien: ***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***

L-Aktar għoli, Mulej twajjeb, li tista' kollox
tiegħek is-sebħ, il-glorja u l-ġieħ u kull barka.
Lilek biss, l-Aktar għoli, jixirqu
u l-ebda bniedem mhu denn imqar ilissen.
***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***
Tifħir lilek, Mulejja, għall-ħlejjaq kollha,
l-aktar oħtna x-xemx,
li twelled il-jum u biha tagħti d-dawl
u hija sbejħa u tgħammex b'dija sfiqa!
Tixbaħ lilek, l-Aktar Għoli.
***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***
Tkun imfaħħar,
Mulejja, f'ħuna l-qamar u l-kwiekeb,
li fis-sema sawwarthom ileqqu, għonja u sbieħ.
Tkun imfaħħar,
Mulejja, f'ħuna r-riħ,
u fl-ajru msaħħab, fil-bnazzi u f'kull xorta ta' temp,
li bihom int tgħajjex kull maħluq.
***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***

Tkun imfaħħar,
Mulejja, f'ħuna l-ilma,

hekk meħtieġ u umli, siwi u safi.
Tkun imfaħħar,
Mulejja, f'ħuna n-nar,
li bih, int, iddawwal il-lejl,
u hu sbejjaħ u lagħbi, godli u qawwi.

***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***

Tkun imfaħħar,
Mulejja, f'oħtna u ommna l-art,
li tgħajjixna u tmexxina,
u tagħti kull xorta ta' frott ma' ward u ħxejjex imlewna.

***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***

Tkun imfaħħar, Mulejja,
f'min lest jaħfer għal imħabbtek,
u f'min iġarrab mard u tbatija.
Hienja dawk jġarrbu kollox fis-sliem
għax minnek, l-Aktar Għoli, ikunu inkurunati.

***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***

Tkun imfaħħar,
Mulejja, f'oħtna l-mewt tal-ġisem,
li minnha l-ebda ħaj ma jista' jaħrab.
Ħażin għal min imut fid-dnub il-mejjet.
Hienja dawk li l-mewt issibhom jagħmlu r-rieda mqaddsa tiegħek,
għax il-mewt l-oħra ma tagħmlilhom l-ebda ħsara.
Faħħru u bierku lil Mulejja, u roddlu ħajr,
u aqduh bl-akbar umiltà.

***Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej.***

## Innu Ewkaristiku

> Ħa taħtaf, nitolbok, o Mulej, il-qawwa mkebbsa u ħelwa tal-imħabba tiegħek il-ħsieb tiegħi minn dak kollu li hu taħt is-sema, sabiex immut għall-imħabba tal-imħabba tiegħek, kif int għoġbok tmut għall-imħabba tal-imħabba tiegħi.
>
> (Awtur anonimu, *Absorbeat*)

Kemm kienet għażiża għal San Franġisk din it-talba li tmur lura ħafna sekli. U huwa tassew tal-għaġeb il-mod kif jirnexxilha taqbad l-ispirtu ta' dan il-qaddis li sar jixbhek daqstant li saħansitra ppermettejt li jġorr il-marki tal-passjoni tiegħek f'ġismu proprju 800 sena ilu, f'Settembru tal-1224 fuq il-muntanja La Verna, bħala sinjal tat-twaħħid għal kollox tiegħu miegħek. Għalkemm nieqsa mill-kuraġġ li nitolbuk sehem fis-sofferenzi tiegħek bħalu, ħa jogħġbok tilqa' dan it-talb li se npoġġu f'riġlejk u miegħu noffrulek l-uġigħ u t-tbatijiet li kull wieħed u waħda minna nġorru għall-ġid tal-Knisja u għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

- Int li ridt li qalbek tkun minfuda b'daqqa ta' lanza biex minnha tnissel il-Knisja, naddaf il-Knisja tiegħek minn kull tebgħa u qaddisha. Nitolbu.
- Ferragħ fuq id-dinja kollha d-demm prezzjuż u l-ilma li ħarġu minn ġenbek sabiex isaltnu l-paċi u l-imħabba fost il-popli. Nitolbu.
- Farraġ lil dawk kollha li qegħdin ibatu u agħtihom il-grazzja li jgħaqqdu tbatijiethom mal-merti infiniti tal-pjagi tiegħek għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Nitolbu.
- Seddaq il-ħidma ta' dawk li, bħall-qaddis ta' Assisi, iddedikaw ħajjithom għall-qadi ta' ħuthom l-iktar fil-bżonn, il-morda, il-ħabsin, il-foqra, u dawk l-aktar imwarrba. Nitolbu.
- Agħtina l-kuraġġ sabiex bil-kliem, bl-għemil, u bid-deċiżjonijiet konkreti tagħna nieħdu ħsieb tal-ħolqien kollu tiegħek għax nagħrfu fih id-don ta' mħabbtek għalina. Nitolbu.
- Bierek id-diversi ordnijiet, kongregazzjonijiet, u istituti li jħaddnu r-regola jew l-ispirtu Franġiskan, u kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ li jkunu lesti jitilqu kollox biex jimxu warajk f'ħajja ta' faqar, kastità, u ubbidjenza. Nitolbu.
- Ilqa' fi ħdanek lil dawk kollha li seħibt miegħek f'oħtna l-mewt tal-ġisem sabiex miegħek ukoll igawdu l-ħajja tal-hena bla tmiem. Nitolbu.

O Alla, l-aktar Għoli u Glorjuż, dawwal id-dlamijiet ta' qalbi. U sawwab fija fidi vera, tama ċerta u mħabba perfetta. Agħtini, Mulej, li nħoss u nagħraf lilek biex nagħmel ir-rieda vera u mqaddsa tiegħek. Ammen.

(San Franġisk, *Talba quddiem il-Kurċifiss)*

**Barka Sagramentali**